

Brussell, 20 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15972/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0309(NLE)

ECOFIN 1357
FIN 1054
UEM 425
CADREFIN 194

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 557 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 7772/22 INIT; ST 7772/22 ADD 1) tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-lżvezja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 557 final.

Mehmuż: COM(2024) 557 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2024
COM(2024) 557 final

2024/0309 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 7772/22 INIT; ST 7772/22 ADD 1)
tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-
reżiljenza għall-Iżvezja**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 7772/22 INIT; ST 7772/22 ADD 1) tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") mill-Iżvezja fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ġiet emendata fid-9 ta' Novembru 2023³.
- (2) Fid-19 ta' Settembru 2024, l-Iżvezja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Iżvezja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Iżvezja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw sitt miżuri.
- (4) L-Iżvezja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tintlaħaq, minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-fjuwils fossili u l-bijofjuwils. Dan jikkonċerna, rispettivament, l-istadji importanti 13 u 14 tar-riforma 1 (Aġġustamenti fl-obbligu ta' tnaqqis) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku). B'mod partikolari, iż-żieda fil-prezzijiet, għall-istadju importanti 13, ikollha impatt negattiv sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi matul il-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, filwaqt li għall-istadju importanti 14

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 7772/22; ST 7772/22 ADD 1.

³ ST 14474/23; ST 14474/23 ADD 1.

ġie identifikat li l-miżura mhijiex konformi mar-Regolament (UE) 2023/2405⁴. Abbażi ta' dan, l-Iżvezja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemminja hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

- (5) Wara t-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Iżvezja talbet ukoll li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna l-inklużjoni tal-istadju importanti 11 taħt ir-riforma 1 (Simplifikazzjoni tal-proċess għall-permessi ambjentali) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), u l-istadju importanti 33bis taħt ir-riforma 3 (Programm professjonali nazzjonali għall-prinċipali, l-għalliema u l-għalliema tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.
- (6) L-Iżvezja spjegat li 3 miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-mira 6 tal-investment 2 (Investimenti klimatiċi fis-settur industrijali (Qabża Industrijali)) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), il-miri 24, 25, 26 u 27 tal-investment 2 (Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), kif ukoll il-miri 45, 46, 47, 48 u 49 tal-investment 1 (Espansjoni tal-broadband) taħt il-komponent 4 (Espansjoni tal-broadband u diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika). Abbażi ta' dan, l-Iżvezja talbet li tiġi emendata l-mira 6 u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata, kif ukoll li jiżdiedu l-miri 6a u 6b. Barra minn hekk, l-Iżvezja talbet li tiġi emendata l-mira 27 u li jitneħħew il-miri 24, 25 u 26. Barra minn hekk, l-Iżvezja talbet li tiġi emendata l-mira 45 u d-deskrizzjoni tal-miżura relatata, u li jitneħħew il-miri 46, 47, 48 u 49. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.
- (7) L-Iżvezja spjegat li miżura waħda ġiet emendata biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jintlaħqu l-għanijiet tal-miżura rispettiva. Dan jikkonċerna l-miri 3 u 4 tal-investment 1 (Investiment lokali u reġjonali fil-klima) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku). Abbażi ta' dan, l-Iżvezja talbet li tneħħi l-mira 3 u li temenda l-mira 4. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Iżvezja jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-pjan u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Iżvezja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (10) Ġew identifikati 17-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw stadju importanti wieħed u erba' miri u 14-il miżura taħt ħames

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405 31.10.2023).

komponenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Iżvezja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-mira 7 tal-investment 3 (Effiċjenza tal-enerġija f'bini b'abitazzjonijiet multipli) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), il-mira 33 tar-riforma 2 (Att dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u possibbiltajiet akbar ta' tranżizzjoni) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), il-miri 34 u 35 tal-investment 1 (Inizjattiva għall-kura tal-anzjani) taħt il-komponent 3 (Kundizzjonijiet aħjar biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi), il-mira 52 tar-riforma 1 (Dritt privat ta' inizjattiva – involviment tal-partijiet interessati fl-ippjanar f'żoni) taħt il-komponent 5 (Investiment għat-tkabbir u l-akkomodazzjoni), u d-deskrizzjoni tal-investment 1 (Investimenti fil-klima lokali u reġjonali) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), l-investment 2 (Investimenti fil-klima fis-settur industrijali (Industry Leap)) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), l-investment 3 (Effiċjenza fl-enerġija) f'bini b'ħafna abitazzjonijiet taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), ir-riforma 2 (Tneħħija tat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq il-fjuwil f'ċerti setturi) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), ir-riforma 3 (Rati ta' benefiċċju taxxabbli aġġustati għal karozzi tal-kumpanija) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), l-investment 1 (Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), l-investment 2 (Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), ir-riforma 1 (Livell ta' kumpens oġhla għal taħriġ vokazzjonali flimkien mal-Iżvediż għall-Immigranti u l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), ir-riforma 2 (Att dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u possibbiltajiet akbar ta' tranżizzjoni) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), l-investment 3 (Riżorsi biex jiġu ssodisfati t-talbiet għall-edukazzjoni fl-universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), ir-riforma 1 (Regolamentazzjoni tat-titolu professjonali għall-assistenti infermiera) taħt il-komponent 3 (Kundizzjonijiet aħjar biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi), ir-riforma 4 (Kont bankarju ġdid u sistema ta' kaxxa ta' sikurezza) taħt il-komponent 3 (Kundizzjonijiet aħjar biex jiġu indirizzati sfidi demografiċi), l-investment 1 (Infrastruttura diġitali konġunta tal-amministrazzjoni pubblika) taħt il-komponent 4 (Espansjoni tal-broadband u diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika) u l-investment 1 (Għajjuna għall-investment għall-kiri u l-akkomodazzjoni għall-istudenti) taħt il-komponent 5 (Investiment għat-tkabbir u l-akkomodazzjoni). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Iżvezja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011,

jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (13) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew tal-2022 u l-2023, il-Kummissjoni ssib li sar xi progress fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-fjuwils fossili bis-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli (CSR 2022.4.4 u CSR 2023.4.3). Barra minn hekk, inkiseb progress limitat fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-eżiti edukattivi għal studenti bi sfond soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni żvantaġġati billi jiġu żgurati opportunitajiet ta' aċċess ugwali fis-sistema skolastika u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' għalliema kwalifikati (CSR 2022.3.1 u CSR 2023.3.1).
- (14) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew b'mod partikolari s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu tal-enerġija rinnovabbli (CSR 2022.4.4, CSR 2023.4.3 u CSR 2024.4). Il-RRP emendat huwa mistenni wkoll li jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' għalliema kwalifikati, li huwa parti mir-rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-prestazzjoni edukattiva tal-istudenti (CSR 2022.3.1, CSR 2023.3.1 u CSR 2024.3.1).

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (16) Għar-riformi l-ġodda dwar is-simplifikazzjoni tal-proċess għall-permessi ambjentali u l-Programm professjonali nazzjonali għall-prinċipali, l-għalliema u l-għalliema tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-Iżvezja pprovdiet valutazzjoni sistematika mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". L-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja tippermetti l-konklużjoni li l-pjan modifikat mistenni jiżgura li l-ebda waħda mill-miżuri inklużi fih ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (17) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Iżvezja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 7772/2022; ST 7772/2022 ADD 1 tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Iżvezja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

⁵ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (18) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat bis-sejba li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (19) L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Iżvezja hija ta' EUR 3 501 632 593, li hija ugwali għal SEK 35 454 030 000, abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE bejn l-EUR u l-SEK tat-28 ta' Mejju 2021. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Iżvezja, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali kkalkulata f'konformità mal-Artikoli 20(4), u l-Artikolu 21b(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP emendat tal-Iżvezja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 3 445 666 208.
- (20) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 7772/2022; ST 7772/2022 ADD 1) tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Iżvezja tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostituit minn dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Iżvezja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri l-oħra relatati mal-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti, jinsabu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President